EBA/GL/2023/07

27 ta’ Novembru 2023

# Linji Gwida li jemendaw il-Linji Gwida EBA/GL/2021/16

## dwar il-karatteristiċi ta’ approċċ ibbażat fuq ir-riskju għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u s-superviżjoni tal-finanzjament tat-terroriżmu, u l-passi li għandhom jittieħdu meta titwettaq is-superviżjoni bbażata fuq is-sensittività għar-riskju skont l-Artikolu 48(10) tad-Direttiva (UE) 2015/849 (Il-Linji Gwida dwar is-Superviżjoni bbażata fuq ir-Riskju)

# 1. Obbligi ta' konformità u ta' rapportar

## L-istatus ta' dawn il-linji gwida

1. Dan id-dokument jinkludi linji gwida maħruġa skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010[1]. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jagħmlu kull sforz biex ikunu konformi mal-linji gwida.

2. Il-linji gwida jistabbilixxu l-fehma tal-EBA fir-rigward tal-prattiki superviżorji adegwati fi ħdan is-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja jew dwar kif id-dritt tal-Unjoni għandu jiġi applikat f'qasam partikolari. L-awtoritajiet kompetenti kif definiti fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li għalihom japplikaw il-linji gwida għandhom ikunu konformi billi jinkorporawhom fil-prattiki tagħhom kif xieraq (eż. billi jemendaw il-qafas legali tagħhom jew il-proċessi superviżorji tagħhom), inkluż meta l-linji gwida huma diretti primarjament lejn l-istituzzjonijiet.

## Rekwiżiti ta' rapportar

3. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-EBA jekk jikkonformawx, jew jekk hux beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida, jew inkella bir-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, sa 13.05.2024. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe notifika sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti se jiġu kkunsidrati mill-EBA bħala mhux konformi. In-notifiki għandhom jintbagħtu billi tiġi sottomessa l-formola disponibbli fuq is-sit web tal-EBA bir-referenza "EBA/GL/2023/07". In-notifiki għandhom jiġu sottomessi minn persuni b'awtorità xierqa biex jirrapportaw il-konformità f'isem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom. Kwalunkwe bidla fl-istatus ta' konformità għandha tiġi rrapportata wkoll lill-EBA.

4. In-notifiki se jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-EBA, f'konformità mal-Artikolu 16(3).

[1] Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

# 2. Suġġett, kamp ta’ applikazzjoni u definizzjonijiet

## Destinatarji

5. Dawn il-linji gwida huma indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti kif definiti fl-Artikolu 4, il-punt (2)(iii) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

# 3. Implimentazzjoni

## Data ta’ applikazzjoni

6. Dawn il-linji gwida japplikaw mit-30 ta’ Diċembru 2024.

# 4. Emendi

### i. Emendi għal "Suġġett, kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet"

7. Il-paragrafu 5 huwa emendat kif ġej:

"Dawn il-linji gwida jispeċifikaw, f'konformità mal-Artikolu 48(10) tad-Direttiva (UE) 2015/849 [2] u l-Artikolu 36(3) tar-Regolament (UE) 2023/1113 [3] il-karatteristiċi ta' approċċ ibbażat fuq ir-riskju għas-superviżjoni tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu (AML/CFT) u l-passi li l-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu meta jwettqu superviżjoni tal-AML/CFT ibbażata fuq is-sensittività għar-riskju."

8. Il-paragrafu 8 huwa emendat kif ġej:

"Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, it-termini użati u definiti fid-Direttiva (UE) 2015/849 u fir-Regolament (UE) 2023/1113 għandhom l-istess tifsira fil-linji gwida. Barra minn hekk, għall-finijiet ta' dawn il-linji gwida, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

### ii. Emendi għal "Linja Gwida 4.1: L-implimentazzjoni tal-Mudell RBS"

#### 4.1.3 Suġġetti tal-valutazzjoni

9. Il-paragrafu 19 huwa emendat kif ġej:

"Jekk awtorità kompetenti tkun taf, jew ikollha raġunijiet raġonevoli biex tissuspetta, li r-riskju assoċjat ma' istituzzjoni ta' kreditu jew istituzzjoni finanzjarja individwali f'raggruppament ivarja b'mod sinifikanti minn dak li huwa assoċjat ma' istituzzjonijiet ta' kreditu jew istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn f'dak ir-raggruppament, l-awtorità kompetenti għandha tneħħi dik l-istituzzjoni ta' kreditu jew istituzzjoni finanzjarja mir-raggruppament u tivvalutaha b'mod individwali, jew tħala parti minn raggruppament differenti ta' istituzzjonijiet ta' kreditu jew istituzzjonijiet finanzjarji, li huma esposti għal livell ta' riskju ta' ML/TF simili. It-tneħħija minn raggruppament għandha tinkludi, fost l-oħrajn, ċirkostanzi fejn:

- l-istituzzjoni ta' kreditu jew l-istituzzjoni finanzjarja tkun proprjetà benefiċjarja ta' individwi li hemm dubju dwar l-integrità tagħhom minħabba tħassib dwar ML/TF; jew
- il-qafas ta' kontroll intern tal-istituzzjoni ta' kreditu jew tal-istituzzjoni finanzjarja jkun nieqes u jkollu impatt fuq il-klassifikazzjoni tar-riskju residwu tal-istituzzjoni ta'

[2] Id-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE (ĠU L 141, 5.6.2015, p. 73–117).

[3] Ir-Regolament (UE) 2023/1113 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2023 dwar l-informazzjoni li takkumpanja t-trasferimenti ta' fondi u ta' ċerti kriptoassi u li jemenda d-Direttiva (UE) 2015/849 (riformulazzjoni) (ĠU L 150/ 9.6.2023, p. 1).

kreditu jew tal-istituzzjoni finanzjarja; jew

- l-istituzzjoni ta' kreditu jew l-istituzzjoni finanzjarja tkun introduċiet bidliet sinifikanti fil-prodotti jew fis-servizzi tagħha, jew tista' tkun ikkombinat dawk il-bidliet ma' bidliet fil-kanali ta' distribuzzjoni, fil-bażi tal-klijenti tagħha jew f'żoni ġeografiċi differenti fejn jiġu fornuti s-servizzi jew il-prodotti.

Meta jivvalutaw dawn il-punti, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw il-valutazzjonijiet tal-idoneità magħmula skont l-oqfsa prudenzjali, b'mod partikolari, fejn applikabbli, il-valutazzjonijiet fir-rigward tal-idoneità tal-membri tal-korp ta' ġestjoni u tal-kapijiet tal-funzjonijiet ta' kontroll intern, inklużi dawk il-valutazzjonijiet magħmula skont il-linji gwida konġunti tal-ESMA u tal-EBA dwar "kompetenza u idoneità"[4] u l-Linji Gwida tal-EBA dwar il-governanza interna[5].

Fil-każ ta' fornituri ta' servizzi tal-kriptoassi, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw li japplikaw it-Taqsimiet 1, 2, 3 u 5 tat-Titolu II, it-Taqsima 6 tat-Titolu III, it-Taqsimiet 8 u 9 tat-Titolu IV u t-Titolu V tal-Linji Gwida tal-EBA dwar il-governanza interna għad-ditti ta' investiment[6] għall-finijiet tal-AML/CFT.[7]"

### 4.1.4 Kooperazzjoni

10. Il-paragrafu 22 huwa emendat kif ġej:

"L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw l-objettiv tal-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni tagħhom ma' partijiet ikkonċernati oħra, u abbażi ta' dan jiddeterminaw l-iżjed mod effettiv għal din il-kooperazzjoni, hekk kif l-istess approċċ jaf ma jkunx xieraq fiċ-ċirkostanzi kollha. L-awtoritajiet kompetenti għandhom b'mod partikolari jiżguraw li jikkooperaw b'mod effettiv ma' dawk l-awtoritajiet li huma responsabbli għat-twettiq u s-superviżjoni prudenzjali tal-istess suġġett tal-valutazzjoni."

## iii. Emendi għal "Linja Gwida 4.2: Pass 1 – L-identifikazzjoni tal-fatturi ta' riskju u ta' mitigazzjoni"

### 4.2.2 Sorsi ta' informazzjoni

11. Fil-paragrafu 31 jiddaħħlu l-punti ġodda li ġejjin:

"k) eżiti tal-analiżi ta' għodda analitika avvanzata waħda jew aktar; jew"

"l) notifiki ta' fornituri ta' servizzi ta' pagament jew fornituri ta' servizzi ta' kriptoassi inadempjenti ripetutament sottomessi lill-awtoritajiet kompetenti responsabbli f'konformità

[4] Il-Linji Gwida konġunti tal-ESMA u tal-EBA dwar il-valutazzjoni tal-idoneità tal-membri tal-korp maniġerjali u tat-titolari ta' funzjonijiet ewlenin skont id-Direttiva 2013/36/UE u d-Direttiva 2014/65/UE, EBA/GL/2021/06.

[5] Il-Linji Gwida tal-EBA dwar il-governanza interna skont id-Direttiva 2013/36/UE, EBA/GL/2021/05.

[6] Il-Linji Gwida tal-EBA dwar il-governanza interna skont id-Direttiva (UE) 2019/2034, (EBA/GL/2021/14).

[7] Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 68 tar-Regolament (UE) 2023/1114 (MiCA) rigward l-arranġamenti ta' governanza għall-fornituri ta' servizzi tal-kriptoassi.

mal-Artikoli 8(2), 12(2), 17(2) u 21(2) tar-Regolament (UE) 2023/1113, sal-punt li dawn il-fornituri jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni superviżorju tal-awtorità kompetenti."

### 4.2.5 Fatturi ta' riskju ta' ML/TF mifruxa mas-settur kollu

12. Il-paragrafu 37 huwa emendat kif ġej:

"L-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom fehim tajjeb tal-fatturi ta' riskju li huma rilevanti għas-setturi kollha taħt is-superviżjoni tagħhom. Sabiex jiġu identifikati l-fatturi ta' riskju rilevanti fis-setturi rilevanti, l-awtoritajiet kompetenti għandhom l-ewwel jiddefinixxu s-setturi taħt is-superviżjoni tagħhom. Biex jinfurmaw il-fehma tagħhom tas-setturi, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkategorizzaw l-entitajiet obbligati f'konformità mal-lista ta' istituzzjonijiet ipprovduta fid-definizzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji skont l-Artikolu 3(1) u (2) tad-Direttiva (UE) 2015/849."

13. Il-paragrafu 38 huwa emendat kif ġej:

"Skont id-daqs ta' settur u n-natura tas-suġġetti tal-valutazzjoni fi ħdanu, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw li jaqsmu iżjed is-setturi f'subsetturi. Dan jista' jkun meħtieġ meta settur ikun magħmul minn suġġetti tal-valutazzjoni li huma differenti ħafna minħabba li proporzjon sostanzjali ta' suġġetti tal-valutazzjoni jkollhom karatteristiċi u mudelli ta' negozju simili li jiddistingwuhom mill-bqija tas-settur. Karatteristiċi simili jinkludu, iżda mhumiex limitati għal, it-tip ta' prodotti u servizzi offruti, il-kanali ta' distribuzzjoni użati u t-tip ta' klijenti li huma jaqdu. Eżempji ta' subsetturi jinkludu dawk li jibagħtu l-flus, banek privati, ditti tas-senserija, u boroż tal-kriptoassi, li jirrappreżentaw subsetturi ta' istituzzjonijiet ta' pagament, istituzzjonijiet ta' kreditu, ditti ta' investiment, u fornituri ta' servizzi tal-kriptoassi rispettivament. Sabiex jinfurmaw il-fehma tagħhom dwar is-setturi u s-subsetturi u l-karatteristiċi speċifiċi tagħhom, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jirreferu għat-Titolu II tal-Linji Gwida tal-EBA dwar il-Fatturi tar-Riskju tal-AML/CFT."

### 4.2.6 Tip ta' informazzjoni meħtieġa biex jiġu identifikati l-fatturi ta' riskju

14. Fil-paragrafu 41 jiddaħħal il-punt l):

"l) meta l-użu tat-teknoloġija, bħat-teknoloġija ta' reġistru distribwit (DLT) jew il-karatteristiċi li jtejbu l-anonimità, ikun essenzjali għall-mudell ta' negozju u għall-operat tas-settur jew tas-subsettur, l-effett li din it-teknoloġija għandha fuq l-iskopertura għar-riskju ta' ML/TF tas-settur jew tas-subsettur."

15. Il-paragrafu 44, il-punt c) u l-punt f) huma emendati kif ġej:

"c) in-natura u l-kumplessità tal-prodotti u tas-servizzi pprovduti u t-tip ta' tranżazzjonijiet imwettqa;"

"f) iż-żona ġeografika tal-attivitajiet kummerċjali, b'mod partikolari fejn dawn jinvolvu pajjiżi terzi b'riskju għoli[8], inklużi, jekk ikun applikabbli, il-pajjiżi ta' oriġini jew ta' stabbiliment ta' parti sinifikanti tal-klijenti tas-suġġett tal-valutazzjoni u r-rabtiet ġeografiċi tal-azzjonisti jew tas-sidien benefiċjarji kwalifikanti tiegħu;"

16. Fil-paragrafu 45, il-punt a) jiddaħħal l-inċiż li ġej:

"v) minn għodod u pjattaformi analitiċi avvanzati fejn is-servizzi tas-suġġett tal-valutazzjoni jiġu pprovduti bl-użu tat-teknoloġija tad-DLT jew tal-blockchain."

### iv. Emendi għal "Linja Gwida 4.3: Pass 2 – Il-valutazzjoni tar-riskju"

### 4.3.3 Valutazzjonijiet tar-riskju individwali

17. Il-paragrafu 59, il-punt a) huwa emendat kif ġej:

"a) li s-sistemi u l-kontrolli tal-AML/CFT elenkati fl-Artikoli 8(4) u 19a tad-Direttiva (UE) 2015/849 jiġu stabbiliti u applikati. Dawn il-kontrolli għandhom ikunu komprensivi biżżejjed u proporzjonati mar-riskji ta' ML/TF;"

### v. Emendi għal "Linja Gwida 4.4: Pass 3 – Is-superviżjoni"

### 4.4.2 Strateġija superviżorja

18. Il-paragrafu 78, il-punt e) huwa emendat kif ġej:

"e) tiddetermina r-riżorsi superviżorji meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-istrateġija superviżorja u tiżgura li jkun hemm biżżejjed riżorsi disponibbli għalihom. Meta jiġu determinati r-riżorsi meħtieġa, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw ukoll ir-riżorsi teknoloġiċi li jeħtieġu biex iwettqu l-funzjonijiet tagħhom b'mod effettiv, b'mod partikolari fejn it-teknoloġija tkun essenzjali għal kif joperaw is-setturi speċifiċi;"

### 4.4.4 Għodod ta' superviżjoni

19. Il-paragrafu 94 huwa emendat kif ġej:

"F'xi każijiet, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw jekk il-kombinazzjoni ta' żewġ għodod jew aktar tistax tkun aktar effettiva. Dan jinkludi sitwazzjonijiet fejn l-awtorità kompetenti tkun ikkonċernata dwar il-preċiżjoni tal-informazzjoni li tirċievi matul rieżamijiet mhux fuq il-post jew bħala parti mid-dikjarazzjonijiet tal-AML/CFT. F'ċirkostanzi bħal dawn,

[8] Linji Gwida tal-EBA dwar id-diliġenza dovuta tal-klijenti u l-fatturi li l-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji għandhom jikkunsidraw meta jivvalutaw ir-riskju tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu assoċjat ma' relazzjonijiet ta' negozju individwali u tranżazzjonijiet okkażjonali ("Il-Linji Gwida dwar il-Fatturi tar-Riskju ta' ML/TF") skont l-Artikoli 17 u 18(4) tad-Direttiva (UE) 2015/849, EBA/GL/2021/02.

jista' jkun meħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jivverifikaw din l-informazzjoni permezz ta' spezzjoni fuq il-post, li ġeneralment ikun fiha elementi bħal teħid ta' kampjuni ta' tranżazzjonijiet u fajls tal-klijenti, u intervisti ma' persunal ewlieni u membri tal-korp maniġerjali. L-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu jistgħu jwettqu spezzjonijiet ad hoc meta jkun meħtieġ, li ma jiffurmawx parti mill-istrateġija u l-pjan superviżorju tagħhom. Il-ħtieġa għal tali spezzjonijiet tista' tiġi skattata minn avveniment speċifiku, li jista' jesponi lis-settur/subsettur jew lis-suġġetti tal-valutazzjoni għal riskju ta' ML/TF akbar, bidliet sinifikanti fl-iskopertura għar-riskju ta' ML/TF tas-settur/subsettur jew tas-suġġetti tal-valutazzjoni, jew isiru bħala riżultat ta' skoperta ta' ċerta informazzjoni mill-awtorità kompetenti, inkluż permezz ta' rapporti ta' żvelar, allegazzjonijiet pubbliċi mifruxa ta' mġiba ħażina, informazzjoni minn awtoritajiet pubbliċi oħra domestiċi jew barranin, tipoloġija ġdida ta' ML/TF jew sejbiet superviżorji relatati ma' sistemi u kontrolli tal-AML/CFT jew qafas usa' ta' kontrolli interni. Meta l-awtorità kompetenti tkun iddeċidiet li hija meħtieġa spezzjoni ad hoc, hija għandha tiddetermina l-kamp ta' applikazzjoni tal-ispezzjoni, il-fokus tal-ispezzjoni u jekk tinvolvix xi elementi fuq il-post u jekk hemmx bżonn li jiġu involuti u jikkooperaw ma' superviżuri oħra."

### 4.4.5 Prattiki superviżorji u l-manwal superviżorju

20. Il-paragrafu 101, il-punt c), l-inċiż i) huwa emendat kif ġej:

"i) l-adegwatezza tal-politiki u tal-proċeduri rilevanti u jekk humiex marbuta mal-valutazzjoni tar-riskju għan-negozju kollu u jekk dawn il-politiki u l-proċeduri humiex rieżaminati u, jekk meħtieġ, aġġornati kull meta tinbidel il-valutazzjoni tar-riskju għan-negozju kollu;"

### 4.4.8 Segwitu superviżorju

21. Il-paragrafu 117 huwa emendat kif ġej:

"Fejn l-awtoritajiet kompetenti jkollhom suspetti li n-nuqqas ta' implimentazzjoni ta' sistemi u kontrolli effettivi jista' jkun intenzjonat, huma għandhom jikkunsidraw azzjoni ta' segwitu aktar robusta, li tiżgura waqfien immedjat ta' tali mġiba mis-suġġett tal-valutazzjoni. F'ċirkostanzi bħal dawn, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkooperaw u jiskambjaw informazzjoni dwar u, fejn meħtieġ, jikkoordinaw azzjonijiet fir-rigward tan-nuqqasijiet tas-suġġett tal-valutazzjoni mas-superviżuri prudenzjali."

### 4.4.9 Feedback għas-settur

22. Fil-paragrafu 125, jiddaħħal il-punt f):

"f) tħassib dwar il-kwalità u l-utilità ta' rapporti ta' tranżazzjonijiet suspettużi."

23. Il-paragrafu 126, il-punt a) u l-punt b) huma emendati kif ġej:

“a) tiffaċilita u tappoġġa l-implimentazzjoni, skont is-suġġetti tal-valutazzjoni, ta’ approċċ effettiv ibbażat fuq ir-riskju, inkluż permezz tal-pubblikazzjoni tal-aħjar prattiki identifikati fis-settur;”

“b) ma trawwimx jew ma tikkontestax direttament jew indirettament it-tneħħija indiskriminata tar-riskji ta’ kategoriji sħaħ ta’ klijenti f’konformità mal-Linji Gwida dwar il-politiki u l-kontrolli għall-ġestjoni effettiva tar-riskji tal-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu (ML/TF) meta tipprovdi aċċess għas-servizzi finanzjarji skont id-Direttiva (UE) 2015/849 u l-Linji Gwida tal-EBA dwar il-Fattur ta’ Riskju ta’ ML/TF u b’mod partikolari l-linji gwida 4.9., 4.10. u 4.11.[9];”

24. Fil-paragrafu 126, jiddaħħal il-punt c):

“c) fejn diversi awtoritajiet kompetenti jkunu responsabbli għas-superviżjoni tal-AML/CFT tas-suġġetti tal-valutazzjoni fl-istess settur fl-Istat Membru, dawn l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkoordinaw l-azzjonijiet tagħhom u jikkunsidraw li joħorġu gwida konġunta biex jistabbilixxu aspettattivi konsistenti. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw jekk awtoritajiet oħrajn jistgħux ikunu responsabbli għall-ħruġ ta’ gwida dwar kwistjonijiet relatati u, jekk iva, jikkoordinaw ma’ dawk l-awtoritajiet kif xieraq.”

25. Il-paragrafu 127 huwa emendat kif ġej:

“L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw l-involviment ma’ suġġetti tal-valutazzjoni u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra meta jiżviluppaw gwida superviżorja u għandhom jiddeterminaw il-mod l-aktar effettiv għal dan il-kuntatt. L-involviment jista’ jinkludi, fost affarijiet oħrajn, proċess ta’ konsultazzjoni pubblika, involviment mas-settur, b’mod partikolari fejn settur huwa ġdid għar-regolamentazzjoni jew għas-superviżjoni, involviment ma’ assoċjazzjonijiet kummerċjali, unitajiet tal-intelligence finanzjarja, infurzar tal-liġi, awtoritajiet kompetenti oħrajn jew aġenziji tal-gvern, jew parteċipazzjoni f’fora konsultattivi. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-kuntatt jinkludi proporzjon suffiċjenti ta’ partijiet ikkonċernati li se jintlaqtu mill-gwida u li jiġi allokat biżżejjed żmien għall-partijiet ikkonċernati biex jikkomunikaw il-fehmiet tagħhom.”

26. Il-paragrafu 128 huwa emendat kif ġej:

“L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw perjodikament l-adegwatezza tal-gwida eżistenti tagħhom li hija pprovduta lis-settur, b’mod partikolari fejn settur huwa ġdid għar-regolamentazzjoni jew għas-superviżjoni. Tali valutazzjoni għandha ssir regolarment jew fuq

[9] Linji Gwida tal-EBA dwar id-diliġenza dovuta tal-klijenti u l-fatturi li l-istituzzjonijiet ta’ kreditu u finanzjarji għandhom jikkunsidraw meta jivvalutaw ir-riskju tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu assoċjat ma’ relazzjonijiet ta’ negozju individwali u tranżazzjonijiet okkażjonali (“Il-Linji Gwida dwar il-Fatturi tar-Riskju ta’ ML/TF”) skont l-Artikoli 17 u 18(4) tad-Direttiva (UE) 2015/849, EBA/GL/2021/02.

bażi ad hoc, u tista' tiġi skattata minn ċerti avvenimenti, inklużi bidliet fil-leġiżlazzjoni nazzjonali jew Ewropea jew emendi għall-valutazzjoni tar-riskju nazzjonali jew sovranazzjonali, jew tista' tkun abbażi tal-feedback mis-settur. Meta l-awtoritajiet kompetenti jiddeterminaw li l-gwida eżistenti ma għadhiex aġġornata jew rilevanti, għandhom jikkomunikaw l-emendi meħtieġa lis-settur mingħajr dewmien żejjed."

### 4.4.10 Taħriġ tal-persunal tal-awtorità kompetenti

27. Il-paragrafu 133 huwa emendat kif ġej:

"L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżviluppaw programm ta' taħriġ, li għandu jiġi aġġustat biex
jissodisfa l-ħtiġijiet ta' funzjonijiet speċifiċi fi ħdan l-awtorità kompetenti, u jqis il-karatteristiċi tas-setturi taħt is-superviżjoni tagħhom, ir-responsabbiltajiet tal-impjieg tagħhom, l-anzjanità u l-esperjenza tal-persunal. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iżommu dan il-programm ta' taħriġ aġġornat u jirreveduh regolarment biex jiżguraw li jibqa' rilevanti.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li t-taħriġ ipprovdut ikun komprensiv biżżejjed sabiex il-persunal rilevanti jkollu għarfien espert tekniku adegwat għas-superviżjoni tas-suġġetti tal-valutazzjoni. Jekk ikun meħtieġ, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinvolvu fornitur tat-taħriġ estern.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jimmonitorjaw il-livell ta' taħriġ ikkompletat minn membri individwali tal-persunal jew minn timijiet sħaħ kif xieraq."

28. Jiddaħħal paragrafu 133A ġdid:

"133A. Meta l-awtoritajiet kompetenti jużaw servizzi ta' partijiet esterni biex iwettqu l-pjan superviżorju tagħhom (jew xi partijiet minnu) jew kompitu superviżorju speċifiku kif imsemmi fit-Taqsima 4.4.7, jew inkella jiddelegaw kompiti superviżorji lil awtoritajiet superviżorji oħra, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw ukoll li jinkludu kwalunkwe parti esterna bħal din fil-programm ta' taħriġ tagħhom."

29. Il-paragrafu 134, il-punt c) u l-punt d) huma emendati kif ġej:

"c) jivvalutaw l-adegwatezza, il-proporzjonalità u l-effettività tal-politiki u tal-proċeduri tal-AML/CFT tas-suġġetti tal-valutazzjoni, inkluż kwalunkwe software jew għodod teknoloġiċi oħra, u l-arranġamenti ta' governanza usa' u l-kontrolli interni fid-dawl tal-mudelli tal-valutazzjoni tar-riskju u tan-negozju tas-suġġetti tal-valutazzjoni stess;"

"d) jifhmu prodotti, servizzi u strumenti finanzjarji differenti, u r-riskji li huma esposti għalihom, inklużi dawk assoċjati mat-teknoloġiji sottostanti użati fil-forniment ta' dawk il-prodotti, servizzi u strumenti;"

30. Fil-paragrafu 134 jiddaħħal il-punt g):

"g) jifhmu t-teknoloġija li tirfed il-mudelli tan-negozju, l-operazzjonijiet u l-kontrolli tas-suġġetti tal-valutazzjoni sabiex ikunu jistgħu jivvalutaw ir-riskji u l-kontrolli u sabiex jippermettu l-użu xieraq ta' għodod superviżorji (iffaċilitati mit-teknoloġija)."

31. Il-paragrafu 135 huwa emendat kif ġej:

"It-taħriġ għandu jitfassal skont ir-responsabbiltajiet tal-AML/CFT tal-persunal rilevanti, u tal-maniġment superjuri, u jista' jinkludi korsijiet ta' taħriġ interni u esterni u konferenzi, korsijiet ta' tagħlim elettroniku, bulettini, diskussjonijiet ta' studju tal-każ, reklutaġġ, feedback dwar kompiti kompluti, u forom oħra ta' "apprendiment bl-għemil". Fejn ikun meħtieġ u xieraq, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw ukoll li jimlew il-lakuni eżistenti fl-għarfien permezz ta' ingaġġi strateġiċi jew jużaw l-appoġġ ta' speċjalisti interni bħall-ispeċjalisti tal-IT."

32. Jiddaħħal paragrafu 135A ġdid:

"135A. Meta diversi awtoritajiet kompetenti jkunu responsabbli għas-superviżjoni tal-AML/CFT tal-istess settur fl-Istat Membru, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw li jipprovdu taħriġ konġunt, biex jiksbu fehim komuni tal-qafas applikabbli u kif għandu jiġi applikat, u approċċ superviżorju konsistenti. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jibbenefikaw ukoll mill-kondiviżjoni tal-għarfien fost l-awtoritajiet kompetenti u ma' awtoritajiet domestiċi u barranin rilevanti oħra, bħal superviżuri prudenzjali, l-UIF, korpi rilevanti tal-UE, superviżuri tal-AML/CFT ta' pajjiżi oħra."

### vi. Emendi għal "Linja Gwida 4.5: Pass 4 – Monitoraġġ u aġġornament tal-Mudell RBS"

### 4.5.2 Rieżami tal-Mudell RBS tal-AML/CFT

33. Il-paragrafu 148, il-punt a) huwa emendat kif ġej:

"a) Għarfien espert professjonali u tekniku;"